# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**[Avv. Cynthia Tomasuolo]**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Isaac Pace**

**Kumpilazzjoni Numru: 198/2023**

**Illum, erbgha (4) ta' Marzu, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Isaac Pace detentur tal-karta tal-identità 0450102L** akkuzat talli fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2023 u/jew fil-granet ta' qabel din id-data, gewwa Hal Tarxien u f'bnadi ohra f'Malta, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijet differenti, u li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena *ossia* ma' -Omissis-, imwielda -Omissis-;**
   ***Artikolu 204C tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

2. **permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taht l-eta' *ossia* ma' -Omissis- imwielda -Omissis-, bil-hsieb li jwettaq ir-reat taht l-artikolu 204C, liema proposta giet segwita b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha;**
   ***Artikolu 208AA tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta***

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha;**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-**

***Ligijiet* ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l' Qorti jidrilha xierqa.**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi semghet ix-xhieda tal-**<u>Ispettur Joseph Busuttil</u>** li pprezenta l-fedina penali, certifikat tat-twelid tal-parte civile kif ukoll tal-imputat, zewg (2) rapporti, tliet (3)

ritratti, DVD tal-istqarrija u dikjarazzjoni. Jghid li fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena 2023 gie infurmat mill-Ispettur Paul Camilleri li kien hemm rapport fejn il-parte civile -Omissis- kienet ippartecipat f'attivitajiet ta' natura sesswali mal-imputat. Jghid li dak iz-zmien l-imputat kellu ghoxrin (20) sena filwaqt li l-parte civile kellha erbatax (14)-il sena. Jixhed li dan kollu gara meta l-minuri ttiehdet l-isptar meta bdiet thoss xi ugigh f'zaqqha. Irrizulta mit-testijiet li fil-fatt instabet pozittiva ghal infezzjoni li tigi trasmessa sesswalment. Jixhed ukoll li hu tkellem mal-parte civile fil-prezenza t'ommha, tas-Social Worker Fabrizia Catania kif ukoll l-Avukat tal-Appogg Dr Alexia Attard.

Jghid li l-parte civile wriet il-post fejn sehh l-allegat incident tramite l-Google Maps. Ikompli jghid li l-istess parte civile spjegat li kienet qieghda gewwa l-Gnien Pubbliku gewwa Hal Tarxien flimkien mal-imputat meta ddecidew biex immorru gewwa l-latrini pubblici. Jghid li l-parte civile spjegat li kellha x'taqsam sesswalment mal-imputat u li wara li sehh l-allegat reat rikbu l-istess xarabank fejn hi baqghet sejra lura d-dar gewwa Birzebbuga.

Ikompli jixhed li stante dan l-imputat gie mitkellem fil-prezenza tal-Avukat tieghu Dr Roberto Spiteri. Jikkonferma li qabel ma gie mitkellem l-imputat inghatalwu d-drittijiet

tieghu. Jixhed li l-imputat ammetta li kien dahal gewwa l-latrini pubblici flimkien mal-parte civile u li hemmhekk kien ippartecipa f'attivitajiet ta' natura sesswali mal-istess parte civile. Jixhed li l-imputat spjega li hu kien iltaqa' mal-parte civile erba' (4) snin qabel l-allegat reat tramite l-mezzi socjali. L-imputat sahaq max-xhud li hu ma kienx jaf li l-parte civile kellha erbatax (14)-il sena.

Illi xehdet **Dr Katya Vassallo** li pprezentat traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat.

Illi semghet lill-Probation Officer **Odelsie Vella Bayliss** li giet mahtura minn din il-Qorti sabiex thejji Pre-Sentencing Report fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena 2023. Tali rapport gie pprezentat u mmarkat bhala Dok. OVB1. Tghid li mill-informazzjoni li gabret irrizultalha li l-imputat qieghed jghix hajja stabbli filwaqt li ghandu l-appogg tal-familja tieghu. Tixhed li prezentement l-imputat jahdem kwazi full time.

Tghid ukoll li l-imputat issottometta ruhu ghal test ghas-sustanzi illeciti fit-tmintax (18) ta' Awwissu tas-sena 2023 liema test irrizulta fin-negattiv. Izzid tghid li l-imputat gharaf l-izballji tieghu. Jixhed li qieghed jigi rrakkomandat li stante dan kollu flimkien mal-akkuzi kif dedotti kontrih,

l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' xoghol fil-komunità u dan sabiex ipatti ta' dak li ghamel u sabiex jaghti xi haga lura lis-socjetà filwaqt li jgharaf l-importanza tax-xoghol kif ukoll il-valur tal-flus.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi il-kaz *de quo* jittratta dwar allegat partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena. Oltre` minn hekk l-imputat fis-seduta datata sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju tas-sena 2023 ammetta ghal tali reat.

Illi din il-Qorti thoss li ghandha tissottolinea l-gravità ta' dawn l-akkuzi permezz ta' analizi tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw l-istess akkuzi.

Illi l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi l-artikolu 208AA (1) jistipula dan li gej:

*"Kull persuna ta' tmintax (18)-il sena jew aktar li tkun iltaqgħet jew ikkomunikat ma' persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-ilsena f'okkażjoni waħda jew iżjed, li intenzjonalment tiltaqa' jew b'kull mezz tipproponi li tiltaqa' jew tirranġa biex tiltaqa' mal-imsemmija persuna ta' taħt l-età ta' sittax (16)-il sena li hija ma tkunx temmen raġjonevolment illi hija ta' età ta' iżjed minn sittax (16)-il sena, bil-ħsieb li tagħmel xi ħaġa lil jew dwar l-imsemmija persuna ta' età ta' taħt is-sittax (16)-il sena waqt jew wara l-imsemmija laqgħa li jekk issir tkun tinvolvi t-twettiq ta' xi wieħed mir-reati fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inklużi, jew 208A, teħel meta tinstab ħatja l-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt (6) snin".*

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 208AC (1)(b) li jistipula dan li gej:

*"l-piena ghar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inkluzi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inkluzi, ghandha tizdied bi grad jew b'zewg gradi,*

*fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*

*…*

> *b. meta l-persuna ta' taht l-età hija persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2)".*

Illi jirrizulta mill-atti li fi zmien li sehh l-allegat reat il-parte civile kellha erbatax (14)-il sena u ghalhekk din il-Qorti ser taghmel referenza ghall-Artikolu 208AC (2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"ghall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*

*…*

*a. kull persuna ta' taht il-hmistax -il sena."*

Illi l-ammissjoni tal-imputat gie rregistrat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-istess imputat kien anke kkopera mal-prosekuzzjoni fl-istadju investigattiv. Illi però ghandu jinghad illi fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li l-Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss ikkonkludiet fir-rapport taghha a fol. 50 tal-atti processwali:

> *"L-Ufficjal tal-Probation tirrakkomanda li Isaac Pace ghandu jinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita` biex b'hekk mhux biss ipatti tal-ghemil illecitu tieghu u jaghti xi haga lura lill-komunita` izda anke sabiex jaghraf ahjar il-valur tax-xoghol u l-flus."*

Illi irid jinghad li matul dawn il-proceduri din il-Qorti nnutat li l-imputat aderixxa ruhu mal-istruzzjonijiet professjonali li nghatawlu. Jinghad ukoll li l-Qorti ssib konfort f'dak ritenut fir-rapport ipprezentat mill-istess Ufficjal tal-Probation Odelsie Vella Bayliss. Referenza qieghda ssir a fol. 50 tal-atti processwali:

> *"Matul dan ir-rapport, l-imputat ammetta li wettaq ir-reat in kwistjoni u gharaf li min-naha tieghu zbaljat meta m'gharafx jaccerta ruhu dwar l-eta` tal-vittma msemmija."*

Illi din il-Qorti thoss li dan digà huwa pass 'il quddiem sabiex l-imputat jipprova jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tieghu. Ir-rapport ikompli:

*"Jidher li l-imsemmi ghandu hafna fatturi pozittivi fil-hajja tieghu li zgur huma ta' beneficcju sabiex izomm boghod mill-kriminalita`. L-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport tindika li ghandu bzonn jiffoka fuq l-element tal-immaniggjar finanzjarju biex mhux biss itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu izda anke jibda' jahseb ghall-futur tieghu wkoll."*

Illi din il-Qorti ser tabbraccja din l-osservazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation tant li din ser tigi riflessa fil-piena iktar 'l isfel. Maghdud ma' dan, il-fatt li l-imputat waqaf milli jkompli jikkomunika mal-parte civile turi li l-istess imputat lest li jaghmel dak li huwa necessarju sabiex ma jittraskurax.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat (Dok. JB2) u tal-parte civile (Dok. JB3) illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu ghoxrin (20) sena u l-parte civile kellha erbatax (14)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u l-parte civile kien hemm differenza ta' sitt (6) snin. Ghaldaqstant u gialadarba bejn l-imputat u l-minuri kien hemm aktar minn hames (5) snin ma jistax jigi applikat id-dispozizzjoni tal-Artikolu 204(3) tal-Kapitolu 9 izda peress illi xorta ma hemmx hafna snin minn xulxin u

stante li l-att kien konsenswali ser jigi applikat il-proviso tal-Artikolu 7 li jghid is-segwenti:

> *"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b'mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-hati jitqieghed taht ordni ta' probation fil-kaz ta' reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' htija precedenti, jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation".*

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 204C(1) u 208AA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Isaac Pace** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin flimkien ma' Ordni ta' Servizz fil-Komunità taht l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tmenin (80) siegha u liema ordnijiet ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawnn l-ordnijiet ma jigux obduti.

____________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**